# TRIBUNAL INDUSTRJALI

**DEĊIZJONI NRU: 3044**

**Kaz Numru: 3948/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Maryanne Vella (228263M)**

**u**

**Da Vinci Healthcare Ltd (C 43120)**

**dwar tkeċċija mill-impjieg allegata nġusta**

**Chairperson : Av. Doreen Parnis M.Adv., LLB., Dip. L.P., M.A., B.A; P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar, 2025.**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz ġie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors mill-Av. Paul Farrugia għan-nom tar-rikorrenti Maryanne Vella fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri nhar id- 9 ta' Marzu, 2020, fejn iddikjara illi t-tkeċċija minn mas-Socjeta' Intimata ma' saritx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn naħat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet u trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

## Rapprezentanza

Maryanne Vella li minn issa l-quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, kienet rapprezentata mill-Av. Axl Camilleri.

Da Vinci Healthcare Ltd li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata mill-Av. Andrew Grima u l-Av. Sheldon Micallef.

## Fatti fil-qosor tal-kaz

Ir-rikorrenti kienet taħdem bħala *Head Nurse/Manager Surgical Department Theatre Manager* fuq bazi full-time b'kuntratt indefinit, sa mill-4 ta' Jannar, 2016. Hija ġiet itterminata fis- 17 ta' Novembru, 2020 u dan għal zewg raġunijiet skont is-soċjeta' ntimata i) inċident li seħħ fit-22 ta' Ottubru, 2020 li kien jimmerita tkeċċija instantanja u ii) attitudni ta' konfrontazzjoni lejn il-kollegi tagħha, l-istaff u lejn id-Direttur Maniġerjali tas-socjeta' Dr. Pierre Vassallo. Ir-rikorrenti tikkontesta dawn l-akkuzi bil-qawwa u tisħaq li l-inċident kien idur mal-ħtiega li tissalvagwardja l-pazjenti u klijenti mit-tixrid tal-virus Covid-19 u li it-terminazzjoni saret b'mod illeċitu u nġust kif se jintwera matul il-kawza.

Fir-risposta tagħha, s-soċjeta' qalet li kellha raġunijiet tajba u suffiċjenti skont il-ligi sabiex tittermina l-impjieg tar-rikorrenti fosthom, insubburdinazzjoni, imġieba ħazina, rifjut ta' twettieq xogħlha, kienet agressiva ma' kollegi u superjuri tagħha b'detriment għall-kumpanija.

## Ġabra fil-qosor tax-xhieda

**Pierre Vassallo** bħala Direttur Maniġerjali u l-uniku Direttur tas-Soċjeta u l-persuna li timmaniġġja d-dipartimenti kollha. Huwa qal li r-rikorrenti kienet ilha taħdem magħhom sa mill-1 ta' Jannar, 2016 bħala *Manager Operating Theatre* u spiċċat mill-impjieg f'Novembru tal-2020. Huwa qal li r-rikorrenti kienet kapaċi hafna f'xoghlha izda kellha problema kif tirrelata mal-kollegi. Ix-xhud qal li għaliha kien jezisti d-dipartiment tagħha

biss. Huwa qal li anke mat-tobba kellha attitudni u tikkmandahom jagħmlu xogħol li anqas biss kien dmirhom inkluz tgħajjat u tikser lill-kollegi quddiem il-klijenti.

Fil-kaz tal-ġurnata li fiha seħħ l-inċident, għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu l-klijenta kienet waslet, kif ukoll it-tobba u l-anastetista. Ix-xhud qal li r-rikorrenti ma ħalliethomx u ma tatx permess biex l-operazzjoni tibda u dan għax ma qagħdetx fuq ir-rizultat li rnexxielu jakkwista l-anastetista mill-mobile tiegħu, b'mod mhux uffiċċjali mit-tekniku ta' Mater Dei li hu nkarigat mir-rizultati tal-covid.

Ix-xhud qal li hu stess kien ħareġ ordni biex ma ssir l-ebda operazzjoni qabel ma jkollhom rizultat negattiv tal-Covid li kull pazjent irid jagħmel. Fil-ġurnata in kwistjoni r-rizulatat kien għadu ma waslax għand ir-rikorrenti permezz ta' email u biex ma jdumux jistennew l-anatetista vvolontarja jikkomunika bil-mobile tiegħu stess mal-persuna nkarigata minn naħa ta' Mater Dei. L-anasteista, qal ix-xhud, ġab ir-rizultat, liema rizultat r-rikorrenti ma riditx taċċetta għax ma kienx wasal uffiċjalment lilha.

Ix-xhud qal ukoll li hu personali kellimha bit-telefon għax kien għadu d-dar u hi xorta ma riditx taċċetta, biddlet u telqet lejn id-dar. Ix-xhud qal li kkonfonda ħafna u spiċċa bit-teatru tal-operazzonijiet minagħajr manager u biex ikomplu kellu jdaħħal lil xi ħadd flokha b'emerġenza. Qal ukoll li t-tabib offra li jipposponi l-operazzjoni għall-aħħar waħda dak inhar stess, biex ta' l-anqas ma titħassarx sakemm jilħaq jasal ir-rizultat b'email, izda r-rikorrenti xorta ma aċċettatx.

Huwa qal ukoll li mhux l-ewwel darba li waslu rizultati mhux uffiċċjali għand ir-rikorrenti u aċċettathom, izda din id-darba ma riditx taċċettah għax ma wasalx għandha.

Huwa qal li hu ma jħobbx ikeċċi u f'għoxrin sena tnejn biss keċċa. Huwa qal li lir-rikorrenti ma keċċihix għax ġara dan l-inċident izda keċċiha għax wara meta ried jiddiskuti l-kaz magħha, speċjalament meta l-klijenta kitbet fuq il-media soċjali u maqdret is-servizz tas-soċjeta' ntimata, huwa stenna li rrikorenti tiddiskuti miegħu izda din baqgħet ma ammettitx li sar zball.

Għall-kontro-ezami ikkonferma li s-soċjeta' bdiet topera fl-2004 u r-rikorrenti daħlet taħdem magħhom fit-2016 u t-teatru tal-operazzonijiet kien diga jiffunzjona u meta kien se jzid it-teatri kkuntattja lir-rikorrenti biex iħajjarha taħdem magħhom. Ix-xhud ikkonferma li x-xogħol zdied minn wara li bdiet taħdem magħhom ir-rikorrenti għax zied il-ħaddiema u zdiedu t-teatri. Ix-xhud qal li ħafna drabi ġibdilha l-attenzjoni lir-rikorrenta kif kienet iġġib ruħha, imma kulħadd kien ikompli jissaporti s-sitwazzjoni, izda meta tkellmet pazjenta, hemmhekk kellu jirreaġixxi. Huwa qal li kieku l-aħħar inċident mal-klijenta, ġie diskuss, l-affarijiet kienu jafu jitranġaw, izda r-rikorrenti qatt ma aċċettat li kien hemm

problema f'dik il-ġurnata in kwistjoni. Huwa kkonferma li għall-amministrazzjoni tal-*Platlet-rich plasma 9ppr0,* ir-rikorrenti ma setghetx tagħmilha hi għax trid issir bilfors minn tabib u mhux nurse, izda r-rikorrenti kienet inkarigata ġġib l-apparat ikkonċernat u tkun prezenti. Ikkonferma wkoll li r-rikorrenti barra d-dipartiment tagħha ġieli għenet u assistiet id-Dipartiment tar-Radjologija. Ikkonferma wkoll li meta kien ikun hemm xi nurse nieqsa, r-rikorrenti kienet titlob lil xi tabib mill-*outpatients* biex jissostitwiha li ovvjament la jkun imħarreġ bħala nurse, u lanqas m'għandu jkun il-kaz li jagħmel tali xogħol. Ix-xhud kkonferma li kien hemm sitwazzjonijiet fejn ma kienx ikun hemm nurses bizzejjed u tissejjaħ ir-rikorrenti biex tgħin f'dipartimenti oħra, u wkoll tobba mill-*outpatients* biex jimlew il-post ta' nurse meta jkunu bin-nieqes. Ix-xhud qal li rigward il-*performance bonus* lir-rikorrenti tahulha mhux għax kien ħaqqha imma għax iddomandatu hi u kellu jbaxxi rasu għal li titolbu hi. Ix-xhud qal ukoll li qatt ma taha twissijiet bil-miktub izda verbali biss. Huwa kkonferma li kien jaċċetta u lest li joqgħod fuq kelma ta' speċjalista li r-rizultat tal-covid ma wasalx, avolja ma jkunx rah, izda jgħidlu bit-telefon. Huwa qal li dak inhar tal-inċident kien għadu ma wasalx l-uffiċċju għax kien qed jaħdem mid-dar, u r-rikorrenti ċemplitlu u nfurmatu li għad m'għandhix rizultat u huwa qallha li ma jistgħux iħallu lill-pazjenta tistenna. Ix-xhud ikkonferma wkoll li ftit ġimgħat qabel inqala' kaz fejn kienu rċivew rizultat negattiv bi zball, mentri filfatt il-pazjent kien pozittiv għall-covid. F'seduta oħra għall-kontro-ezami x-xhud qal li l-ħin li hemm imnizzel fuq ir-rizultat jiġifieri, l-għaxra u zewġ minuti (10:02am) huwa l-ħin li ddaħħal fil-kompjuter ta' Mater Dei. Ix-xhud qal li l-email li għandu hija dik li turi r-rizutat negattiv izda ġġib id-data ta' meta ttieħed is-sample. Ix-xhud ikkonferma li m'għandux evidenza li turi r-rizultat uffiċċjali meta u l-ħin li ħareg minn Mater Dei izda seta' jistrieħ biss fuq il-messaġġ li l-anastetista qal li rċieva. Ix-xhud qal li r-rikorrenti ma riditx tistenna r-rizultat u l-operazzjoni ma riditx tagħmilha dak inhar. Ix-xhud qal li l-anastetista qallu li r-rikorrenti ma riditx tagħmel l-operazzjoni u hu ma kienx se jargumenta magħha. Ix-xhud ikkonferma li ftit xhur qabel kien issuġġerixxa lir-rikorrenti li jdaħħlu assistenta magħha biex ikun hemm persuna oħra meta r-rikorrenti toħroġ bil-leave. Huwa qal li r-rikorrenti ma riditx tittrenja persuna biex eventwalment toħdilha postha. Ix-xhud ikkonferma li dik hija l-istess persuna li llum qed tagħmel ix-xogħol tar-rikorrenti fuq bazi part-time. Ix-xhud ikkonferma wkoll li meta kien ġara nċident ieħor ta' rizultat li nbagħat b'email u ma kienx uffiċjali, kien intbagħat lir-rikorrenti, setgħet tarah u kienet ukoll aċċettatu. Ix-xhud qal li tterminaha lir-rikorrenti għax ma riditx tiddiskuti dak li kien ġara u baqgħet tgħid li ma kien ġara xejn. Huwa qal li l-ewwel darba li ddiskutewh kien fil-prezenza ta' avukati. Ikkonferma wkoll li fis-26 ta'

Ottubru x-xhud qal lir-rikorrenti biex iddaħħal ir-rizenja tagħha sat-30 ta' Ottubru. Ix-xhud qabel li d-data tal-laqgħa mal-avukati saret xi ġimgħa u nofs wara li kien talabha t-terminazzjoni. Ix-xhud qal li ma jiftakarx jekk keċċihix il-ġurnata ta' wara li

saret l-laqgħa mal-avukati. Ix-xhud ikkonferma li qatt ma taha twissija bil-miktub u lanqas f'dan il-kaz partikolari ma ħassx li għandu jtiha twissija izda xtaq li jiddiskutuh biex ma jerġax jigri kaz simili. Ix-xhud qal li l-problema hija li huwa tolleranti u kien qaghad lura milli jagħti twissijiet anke meta r-rikorrenti ma kellmitux bi prudenza u offendietu.

**Simone Spiteri** fil-kapaċita' ta' *Seniour Booking Officer* spjegat kif xogħlha kien isegwi wara li l-klijenti jkunu għamlu vista mal-persuna li se toperahom u wara jkomplu magħha biex jiftehmu fuq loġistika ta' meta u kif u ħlasijiet. Ix-xhud qalet li kienet qed issofri minn tensjoni esaġerata minħabba r-rikorrenti u dan għax kienet tgħajjat magħha u ġegħlitha tħossha inkapaċi f'xogħlha tant li f'Ġunju, 2020 kienet se tirrezenja minn xogħlha għax kienet qed taffetwalha l-ħajja privata tagħha. Ix-xhud qalet ukoll li r-rikorrenti kienet professjonista' f'xogħlha u kienet perfezzjonista. Hija spjegat kif dak inhar tal-operazzjoni in kwistjoni kienet diga' waslet il-klijenta u anke r-rikorrenti izda r-rizultat li kien suppost jasal lejliet dwar jekk il-klijenta kellhix il-covid jew le kien għadu ma wasalx. Spjegat ukoll li kienet in-norma li minħabba ċ-ċirkostanzi s-Sur Vassallo kien ħareġ ċirkolari biex jumejn qabel ma ssir operazzjoni l-pazjenta tagħmel it-test u jridu jirċievu b'email ir-rizutat u din l-email tiġi pprintjata u mpoġġija fil-file tal-pazjenta. Ix-xhud qalet li dak inhar ir-rizutat baqa' ma wasalx izda ftit wara li wasal Dr. Michael Buttiġieġ l-anastetista qallha li rċieva minngħand il-kap tad-dipartiment tal-Patoloġija Chris Barbara li r-rizultat kien negattiv. Hija qalet li straħet fuq li qallha izda la l-messaġġ u lanqas l-email ma rat. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti ma riditx toqgħod fuq din ir-risposta izda nsistiet li tasal l-email bir-rizultat biex timxi mal-proċeduri. Ix-xhud spjegat kif l-anatetista ddeċieda li jitlaq għax ir-rikorrenti ma riditx toqgħod fuq ir-rizultat li huwa qal li rċieva fuq il-mobile. Qalet ukoll li l-Cosmetic Surgeon Ray Debono offra li l-operazzjoni ssir l-aħħar waħda dak inhar biex ikunu jistgħu ikomplu bl-iskeda ta' seba' operazzonijiet li kellhom ibbukjati għal dak inhar. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti rrifjutat u fost ħafna għajjat u ġlied, telqet mix-xogħol.

Għall-kontro-ezami x-xhud ikkonfermat li r-rikorrenti kienet il-persuna responsabbli jekk jinqala xi ħaġa f'kaz bħal dan u li r-rikorrenti kienet in charge mit-teatru tal-operzzonijiet.

F'seduta oħra x-xhud għall-kontro-ezami qalet ukoll li wara li daħlet taħdem magħhom

ir-rkorrenti x-xogħol zdied u kienet tagħmel xogħlha sew, izda kienet tara li hemm problema kif iġġib ruħha man-nies u toħloq stress fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud qalet li ovvjament kien hemm mumenti fejn daħku, imma izjed kien hemm mumenti ta' stress fl-erba' snin li ħadmu flimkien. Hija qalet li r-rikorrenti meta kienet tkun trid xi ħaġa kienet

tkun tridha dak il-ħin u jkollok titlaq minn idejk biex taqdiha. Hija kkonfermat li kienet tmur imdejqa x-xogħol minħabba r-rikorrenti u mhux għax kellha xi problemi personali. Hija qalet li mhux qed tgħid li r-rikorrenti qatt ma kellha raġun, izda kien hemm drabi fejn l-affarijiet setgħu tranġaw bil-kelma t-tajba. Ix-xhud irreferiet għal dak inhar ta' l-inċident u kienet hi li fetħet fis-6:00am u kkonfermat li l-pazjenti b'intereventi kozmetiċi kienu jaslu kmieni u jħallsu qabel, u dak in-nhar bħas-soltu l-klijenta kienet fl-uffiċċju ħdejha u zammitha ħdejha aktar mis-soltu propju għax riedet li jgħaddi l-ħin sakemm jasal ir-rizultat. Hija kkonfermat li ssoltu jistennew fil-*waiting area*, u mhux fl-uffiċċju tagħha. Ikkonfermat ukoll li għad-diskursata bejn ir-rikorrenti u Dr. Buttiġieġ hija ma kienitx prezenti. Hija kkonfermat ukoll li anqas hi ma ratu r-rizultat li l-anastetista qal li għandu fuq il-mobile. Qalet ukoll li wara li daħal ir-rizultat b'mod uffiċjali, hija ratu fil-file. Ikkonfermat ukoll li hi ma semgħethix lir-rikorrenti li mhux se tibqa' hemm għax-xogħol dak inhar tal-inċident, imma għax ikkonkludiet hekk għax tafha.

**Andro Barkalaia** fil-kapaċita' ta' tabib mediku mas-soċjeta' ntimata qal li ilu mpjegat ma' l-istess soċjeta' sa mill-2015. Huwa qal li kien zamm relazzjoni lavorattiva minima mar-rikorrenti għax kellha karattru diffiċli u dejjem kien hemm xi argument. Huwa qal li r-rikorrenti ġieli argumenta magħha meta daħlitlu fl-uffiċju u bdet tgħajjat. Huwa qal li fl-inċident li wassal għall-kaz odjern huwa ma kienx involut.
Għall-kontro-ezami x-xhud ikkonferma li fejn jidħlu pazjenti u r-relazzjoni magħhom, hija kienet diliġenti.

**Vesna Janicievic** qalet li l-ewwel kienet imjegata mas-soċjeta' bħala *Bookng Officer* u issa hija *Outpatient Nurse*. Ix-xhud qalet li fix-xogħol tagħha hija kien ikollha ħafna nkontri mar-rikorrenti, u ġieli nqala' xi argument imma kienu jaħdmu sew flimkien. Hija qalet li r-rikorrenti kienet il-persuna li kienet tapprova kollox li jsir ġewwa t-teatru tal-operazzonijiet u ma setgħux imexxu qabel ma tapprova hi.
Għall-kontro-ezami x-xhud ikkonfermat li rrikorrenti kellha r-resonsabbilita' tat-teatru u tal-pazjent minn x'ħin jidħol sa ma joħroġ mit-teatru. Hija kkonfermat ukoll li qabel isir

intervent il-*policy* kienet li jrid isir t-test tal-Covid fuq il-pazjent u jkun negattiv biex l-intervent isir. Ir-rizultat irid imbagħad jasal għandhom u jitpoġġa fil-file tal-pazjent.

**Dejan Milanovic** bħala *medical technician* qal li kien ilu jaħdem mar-rikorrenti għal madwar ħames xhur, u spjega kif kienet tqabbdu t-tensjoni għax kienet spiss tgħajjat mas-superjuri tiegħu Simone. Huwa qal ukoll li jiftakar li kien għamel xi zball u r-rikorrenti sabet xi karti neqsin minn file ta' pazjenta u bdiet tgħajjat ma' Simone li tiġi fuqu. Ix-xhud qal ukoll li huwa personalment qatt ma kellu xi kwistjonijet mar-rikorrenti.

**Maryanne Vella** ir-rikorrenti qalet li bdiet taħdem mas-soċjeta fl-4 ta' Jannar 2016 bħala *Head Nurse u Operating Theatre Manager*. Ix-xhud qalet li kienet tagħmel kollox, timpjega l-istaff, tara li kollox jaħdem, tagħmel il-listi u tikkoordina l-operazzjonijiet u li tara li l-apparat jiffunzjona. Kellha f'idejha d-dipartiment tat-teatru tal-operazzjonijiet. Ix-xhud qalet li bħala paga bdiet b' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) fis-sena u telgħet għal tmienja u tletin elf elf ewro (€38,000). Hija qalet li bħala karattru hija ma tagħmilx kompromessi u ma tħallix affarijiet għaddejjin. Hija qalet li Dr. Vassallo d-direttur tagħha kien iħalli kollox f'idha u kien jgħidilha li ma jifhimx f'xogħlha. Ir-respinsabbilita' maġġura tagħha kienet li kulħadd ikun *safe*. Ix-xhud qalet ukoll li kulħadd kien iħobbha u kienet tmur tajjeb ma' kulħadd, minkejja li bħal kull post tax-xogħol ikun hemm waqtiet fejn ma jaqblux.

Fi zmien il-covid, ix-xhud qalet li mxew mad-direttivi u l-operat kif mexa Mater Dei. Hija qalet li bazikament qabel kull operazzjoni l-pazjent ried jagħmel swab jumejn qabel u l-operazzjoni ssir biss jekk ir-rizultat li kien joħroġ minn Mater Dei kien ikun fn-negattiv. Hija qalet li dak inhar tal-inċident li wassal għall-kaz odjern, it-22 ta' Ottubru 2020, daħlet għax-xogħol fis-sitta ta' filgħodu u kellha operazzjoni skedata għas-sebgħa ta' filgħodu, izda r-rizutat kien għadu ma wasalx. Simone Spiteri qaltilha li r-rizutat tas-swab ma kienx wasal u meta waslet il-pazjenta, din qagħdet fl-uffiċju ħdejn Simone. Ix-xhud qalet li Simone Spiteri bdiet ġejja u sejra ħdejha u x-xhud qaltlha biex tibqa' f'postha għax jekk il-pazjenta tkun pozittiva tinfetta kullimkien.

Ix-xhud qalet li meta wasal l-anastetista Dr. Michael Buttiġieġ qallha li kien irċevih hu fuq il-mobile. Ix-xhud qaltlu biex jibagħtulha ħalli tipprintjah u titfgħu fil-file tal-pazjenta kif isir is-soltu meta jirċievu r-rizultat uffiċjali minn Mater Dei. Hija qalet li r-risposta ta' Dr. Buttiġieġ kienet : '*Mela jien il-pastaz tieghek.*' Hija saħqet li r-rizultat baqgħet ma ratux u kien għalhekk li ma riditx li l-operazzjoni ssir. Qalet ukoll li ftit ġranet qabel kellhom kaz

fejn ukoll kien ħareġ rizultat negattiv u f'nofs operazzjoni jirċievu li kien sar zball u filfatt il-pazjenta kienet pozittiva. Hija qalet li xi s-sebgħa u nofs wasal il-kirurgu u hi stess issuġġeriet li jipposponu l-operazzjoni għal wara dawk li kienu skedati għax beda jgħaddi l-ħin u sadanittant ir-rizultat baqa' ma wasalx minn Mater Dei. Ix-xhud qalet li bdiet tħossha mhux f'sikitha u minħabba xogħlha ma setgħetx tirriskja s-sigurta' tal-pazjenti u l-ħaddiema u biddlet biex tmur lura d-dar. Qalet ukoll li qabel telqet sabet lil min jissostitwixxiha. Qalet ukoll li qabel telqet bagħtet email lid-direttriċi, li tiġi l-mara tad-dirtettur tagħha. Qabel telqet, ix-xhud qalet li aċċcertat ruħha li kien hemm staff bizzejjed biex l-operzzjonijiet jitkomplew.

Ix-xhud kompliet li marret għand it-tabiba u għamlitilha ċertifikat li ma kienitx tiflaħ, dan kien il-Ħamis. Il-Ħadd ċemplet lil Dr. Vassallo li l-għada t-Tnejn se tirritorna għax-xogħol. It-Tnejn stess Dr. Vassallo għajtilha ħdejh biex ikellimha u qallha li diġa sema' kull ma kellu x'jisma' u talabha tirrezenja. Hija staqsietu jekk riedx jisma' l-verzjoni tagħha u jistaqsiha x'ġara u hu qallha li ma kellux bzonn. Talabha biex sal-Ġimgħa tirrezenja u bagħtilha wkoll email b'din ir-rikjesta. Ix-xhud qalet li kif irritornat id-dar dak inhar stess skopriet li bintha li tgħix magħha kellha l-covid u ċemplet biex tinfurma lid-direttur li se taħdem xorta imma mid-dar, u għal dan Dr. Vassallo ma kellux oġġezzjoni. Hija qalet wara l-kwarantina rritornat ix-xogħol u kompliet taħdem. Ix-xhud qalet li ftit wara bagħat għaliha d-direttur Dr. Vassallo u qallha kien ippretenda li diġa rrizenjat. Hija qaltlu li ma tħossx li kellha tirrezenja u allura qallha li mela kienet qed tiġi sospiza. Qallha wkoll biex ippakkja u itlaq. Hija qalet li wara bagħtilha email fejn infurmaha li fis-16 ta' Novembru xtaq li tmur tkellmu u li kien se jkollu l-avukat miegħu. Ix-xhud qalet li sas-16 ta' Novembru kien għadu ma qallhix x'ġara u qatt ma staqsieha xejn. Ix-xhud qalet ukoll li għandha email fejn turi li Dr. Vassallo kien impjega lil Marvic Vassallo minflokha u dan waqt li hi kienet għadha mpjegata mas-soċjeta' ntimata. Ix-xhud qalet li meta bdiet taħdem mas-soċjeta' kirurgu wieħed kien hemm u t-teatru ma kien fih xejn minkejja li kien ilu miftuħ għaxar snin. Hija qalet li ġabitlu kwantita ta' kirurgi u kwantita' kbira ta' xogħol. Ix-xhud qalet li se tipprezenta numru ta' riferenzi m'għand kirurgi u qalet ukoll li kienet timla' mit-Tnejn sas-Sibt b'operazzjonijiet.

Għall-kontro-ezami x-xhud ma qablitx li hi dominanti izda qalet li tkun perfezzjonista ma jfissirx li jkollok ċertu saħħa fuq ħaddiehor. Ix-xhud ikkonfermat li kellha relazzjoni tajba ma' Simone Spiteri. Hija qalet li mhux veru li ntqal li tikser kollegi jew tgħajjat magħhom u lanqas fit-22 ta' Ottubru meta ġara l-kaz in kwistjoni ma għajjtet. Hija kkonfermat li mat-tabib Andro Barkalaja ġieli kien hemm dizgwid u kienet tiġbed l-attenzjoni tat-Tabib

Vassallo. Hija spjegat li wara l-operazzjonijiet suppost it-tabib idur l-pazjenti u kien ikollha tfakkru hi f'dan id-dmir. Qalet ukoll li suppost tabib jinforma ruħu qabel ma jzur pazjent. Ix-xhud qalet li ġieli bagħtet il-pazjent id-dar mingħajr lanqas biss jarah it-tabib għax il-pazjent jiddejjaq jistennieh ġej u ma jiġix. Hija kkonfermat li kienet imjegata bħala Manager tat-Teatru tal-Operazzjonijiet. Hija nnegat dak li qal it-tabib Vassallo li ma kienitx tiddilja sew man-nies. Ix-xhud qalet li kwantita ta' emails fejn fihom bdiet turi li zball wara zball jiġi negliġenza, liema emails it-tabib ma baqax jieħu gost bihom. Hija qalet li t-tabib Vassallo kien taha l-fakulta' li tiddeċiedi hi kif jitmexxa t-teatru u dejjem waslu fi ftehim u hu kien jgħidilha li ma jifhimx fit-teatru tal-operazzjonijiet u qallha li ħa jtiha totalita' kif tmexxi għax jafdaha. Ix-xhud innegat ukoll il-kliem vulgari li ntal li hi ndirizzat bih lit-tabib Vassallo għax hi ma titkellimx hekk. Ix-xhud ikkonfermat li qatt ma aċċettat SMSs mhumiex uffiċjali u dejjem esiġiet li jkollha kopja bħal ma toħroġ minn Mater Dei biex tpoġġiha fil-file. Jekk jintbagħat sms ma riedx ikun sempliċi sms izda fil-forma ta' kif joħroġ ir-rizultat uffiċċjali. Hija qalet li kellha dritt tarah il-messaġġ u ma kienitx lesta li toqgħod fuq xi ħaġa li lanqas biss ried jurihulha. Hija qalet li meta ġie l-professur u staqsa għall-pazjenta għadha ma ddaħlitx spjegatlu li ma kienx wasal ir-rizultat tal-Covid. Qaltlu wkoll Dr. Buttiġieġ qed jgħid li rċevih izda hi ma ratux. Ix-xhud qalet ukoll li wieħed irid jiftakar li jumejn qabel fejn kellhom rizultat li kien negattiv u wara skoprew li kien pozittiv. Hija kkonfermat li fil-frattemp ċemplet lit-tabib Vassallo u hu qallha biex tmexxi izda hi ma qablitx. Hija qalet li l-professur li kien se jopera staqsiha għall-opinjoni tagħha u hi qaltlu li jew jipposponu l-operazzjoni jew jiskedawha għal data oħra. Il-klijenta minn naħa tagħha la riedet tipposponi u lanqas tagħmilha ġurnata oħra. Sadanittant kienet diġa avzat lin-nurses jekk jistgħux jibqgħu wara l-ħin għax kien hemm operazzonijiet oħra x'jitlestew. Hija qalet ukoll li kien il-professur Debono li qallha li l-klijenta ma riditx tagħmilha. Ix-xhud qalet li wara li kulħadd kien qed jippressaha kellha bzonn tieħu kafe. Qalet ukoll li ma ħassithix sew izda kellha staff bizzejjed biex tkun tista' toħroġ bis-sick, bħal ma jiġri meta tieħu l-leave. Hija qalet li ma kienitx taf li ddaħlet manager ieħor fl-assenza tagħha, izda saret taf wara b'dan. Hija ċaħdet li ħadet kafe għax ħadet tbaqbieqa izda ħadet kafe għax ħadet kafe. Hija kkonfermat li r-responsabbilita' tat-tmexxija tal-isptar hija tat-tabib Vassallo, pero t-tmexxija tat-teatru tal-operazznijiet kienet f'idha.

Ghal domanda ta' ri-ezami x-xhud qalet li l-bonus jingħata għax tkun għamilt dmirek sew. Hija qalet ukoll li minkejja li t-tabib qal li kienet titkellem baxx mal-kollegi, hija qalet li hu qatt ma kien ikun prezenti u qatt ma qalet dak it-tip ta' diskors.. Ix-xhud qalet ukoll li

f'ħames snin ma tiftakarx li t-tabib qatt ġibdilha l-attenzjoni fuq dawn it-tendenzi negattivi, la qatt kien hemm twissija u anqas xi proċess dixxiplinarju.

**Kurt Pace** fil-kapaċita'  ta' *aesthetic nurse*  fl-*operating theatre* qal li ilu 22 sena jaħdem mal-Gvern u jagħmel part-time mas-soċjeta' ntimata. Qal li lir-rikorrenti ilu jafha mat-tmintax -il sena. Ix-xhud qal li dejjem ra serjeta' mir-rikorrenti u jafha bħala mara dedikata għal xogħlha u li qatt ma kellu problemi magħha. Huwa spjega kif il-proċess waqt il-covid mas-soċjeta' kien bħal ta' Mater Dei, jiġifieri l-pazjenti jridu jagħmlu swab test u jekk ikun negattiv biss ikunu jistgħu jagħmlu l-operazzjoni. Huwa qal li f'Mater Dei kien ikollhom aċċess għar-rizultat minn fuq il-kompjuter, u fil-kaz tas-soċjeta' ntimata kienu jirċevuh b'email minn  Mater Dei stess. Huwa qal li fit-22 ta' Ottubru 2020, r-rizultat tal-operazzjoni in kwistjoni ma kienx wasal. Huwa wkoll ma rahx ir-rizultat u qal li r-rikorrenti kienet lesta li tmexxi l-operazzjoni għal wara li jitlestew l-oħrajn. Huwa qal li anke hu ma xtaqx li l-operazzjoni ssir jekk ma jkollhomx rizultat  għax ma xtaqx li  l-ħaddiema jkunu pperikolati,

Ix-xhud qal li r-rikorrenti għamlet li għamlet biex tissalvagwardja s-saħħa tal-pazjenti u tagħhom ukoll bħala impjegati. Huwa qal li rikorrenti ma kienitx qed tħossha sew, kienet ma tiflaħx u bdiet tibki u marret id-dar. Ix-xhud qal li lilhom serrħulhom rashom li ġej xi ħadd minflokha jibdilha u se jkunu jistgħu ikomplu bl-operazzjonijiet.

Għall-kontro-ezami x-xhud ikkonferma li kien ilu jaf lir-rikorrenti tmintax -il sena u li kien jaħdem  mas-soċjeta' qisu darba fil-ġimgħa. Huwa kkonferma li anke waqt il-covid kien involut f'diversi operazzjonijiet mar-rikorrenti. Qal ukoll li r-rizultat mhux soltu jarah hu izda  *recovery nurse* tara li jkun fil-file.

F'seduta oħra u in kontro-ezami  ikkonferma li għadu jagħti servizz lis-soċjeta' ntimata sal-lum. Huwa qal li wasal qabel kulħadd dak inhar in kwistjoni, għal ħabta tas-sitta ta' filgħodu. Huwa qal li għadu sal-lum ma jafx min ħadha d-deċizjoni li l-operazzjoni ma ssirx izda  skont hu ma kinitx ir-rikorrenti li ddeċidiet.  Huwa qal li mad-deċizjonijiet tar-rikorrenti qabel għax anke hu kien preokkupat. Ix-xhud qal li l-operazzjonijiet tal-Konsulent Agius  saru u hu baqa' hemm. Huwa qal li kellu relazzjoni  lavorattiva tajba mar-rikorrenti u qatt ma semagħha tikellem vulgari ma ħadd. Ix-xhud ikkonferma li r-relazzjoni tiegħu  ma' Pierre Vassallo hija waħda  tajba u m'għandux xi jgerger.

**Stefan Pisani** b'affidavit qal kien jaħdem bħala *scrub nurse* mas-soċjeta' ntimata u qal li lir-rikorrenti ilu jafha madwar ħames snin u daqs tliet snin minnhom ħadem magħha mas-soċjeta' ntimata. Huwa qal li r-rikorrenti hija diliġenti u tagħmel xogħlha b'reqqa. Qal ukoll li kienet tiċċekja d-dokumenti kollha li jkunu fil-file tal-pazjenti. Qal ukoll li kienet torganizza l-istaff, l-apparat li jkun se jintuza waqt il-proċedura. Huwa qal li r-rikorrenti kienet titratta lil kulħadd b'mod tajjeb. Huwa spjega kif fi zmien il-covid il-pazjenti kellhom jagħmlu *swab test* u jekk ikun negattiv biss jagħmlu l-operazzjoni. Ir-rizultat kien jitpoġġa fil-file. Huwa qal li sal-lum għadha tiċi addottata l-istess proċedura.
Huwa qal li din hija proċedura importantissima. Ix-xhud semma' kif kellhom inċident fejn rizultat li ħareġ negattiv, wara rrizulta li kien pozittiv. Rigward il-kaz odjern huwa qal li fit-22 ta' Ottubru huwa flimkien mal-kollegi tiegħu ipprepara t-teatru u kif lestew marru jieħdu kafe u li sa dak il-ħin ir-rizultat kien għadu ma wasalx. Huwa qal li l-anastetista irrifjuta li jagħmel *forward* tar-rizultat lir-rikorrenti. Huwa qal li semagħha titkellem ma' xi ħadd fuq il-mobile u qaltlu li jekk ir-rizultat ma jasalx fil-ħin ikollha tipposponi l-operazzjoni għal aktar tard matul il-ġurnata. Huwa qal li wara r-rikorrenti bdiet tipprepara u torganizza għall-operazzjonijiet. Ix-xhud qal li ftit wara r-rikorrenti bdiet tħossha ma tiflaħx. Ix-xhud qal li ma tiftakarx li kien hemm xi għajjat jew ġlied bejn ir-rikorrenti u persuni oħra.
Għall-kontro-ezami ikkonferma li huwa part-timer u li kienet ir-rikorrenti li ntroduċietu mas-soċjeta' ntimata. Huwa qal li kien ikun fl-isptar tas-soċjeta' xi tliet darbiet fil-ġimgħa. Ix-xhud qal li ġieli ħadem ma' diversi kirurgi u qatt ma sema' lir-rkorrenti tiġġieled ma ħadd. Huwa qal li m'għandux idea jekk Simone Spiteri u r-rikorrenti x'tip ta' relaħzoni kellhom u nsista li waqt il-ħin tax-xogħol qatt ma sema' lir-rikorrenti tgħajjat ma' ħadd, izda kkonferma li leħinha kien iwassal. Ix-xhud qal li rigwrd it-22 ta' Ottubru 2020 qal li r-rikorrenti qaltu li l-anastetista kien telaq u ma tahiex il-karta biex tpoġġiha fil-file.

Huwa ikkonferma li l-anastetista rrifjuta li jiprintjahielha jew jiffowrerdjalha l-karta bir-rizultat. Ix-xhud innega li r-rikorrenti rrifjutat li ssir l-operazzjoni ħin ieħor u jidhirlu li kien hemm xi kazjiet oħra wara. Huwa qal li semagħha tgħid li riedet ir-rizultat f'idejha nkella jkolhom jipposponu sa ma joħroġ ir-rizultat, u dan semagħha tgħidu fuq it-telefon. Huwa qal li r-rikorrenti raha li kienet tgħaġixxi normali. Huwa qal li r-rikorrenti reġgħet daħlet fit-teatru u ħaseb li kollox kien sewwa biex jibdew. Ix-xhud qal li wara t-telefonata, kompliet għaddejja u qaltilhom li kienet qed tħossha ma tiflaħx. Huwa qal li wara komplew jaħdmu ma kirurgi oħra. Ix-xhud ċaħad li r-rikorrenti ħeġġithom jitilqu lejn id-dar għax hi

kienet sejra. Huwa qal li qaltilhom li ħa jkollha titlaq u ma jafx x'ġara wara u wara ma kellmithomx iktar.

**Michael Buttiġieġ** fil-kapaċita' ta' anastetista qal li jaf lir-rikorrenti sew meta ħadmu flimken f'St. Anne's Clinic, Capua Hospital, u Da Vinci meta hija kienet *nursing manager* tat-teatru tal-operazzonijiet. Huwa qal li dak inhar tal-inċident kien filgħodu kmieni, xi s-sitta u nofs ta' filgħodu u kien hemm problema għax il-kijenta ma kienx għadu daħal ir-rizultat tas-swab biex jaraw għandhix il-Covid. Huwa qal li ġeneralment xi ħadd mit-teatru jew xi qarib tal-pazjenta jipprova jġib ir-rizutat, u ma kienx kompitu tiegħu li jagħmel hekk. Minkejja dan, ix-xhud qal li peress li kellu relazzjoni tajba mal-persuna li kienet tmexxi l-*virology lab*, Graziella Zahra, bagħat jisaqsiha fuq WhatsApp. Din weġbitu li l-pazjenta ma kellhix Covid.
Ix-xhud qal li r-rikorrenti talbitu kopja tal-i*screenshot* jew xi ħaġa aktar izda hu ma ħassx li kellu jerġa jdejjaq lil min għamillu pjaċir, qisu mhux qed joqgħod fuq il-kelma tagħha. Huwa qal li r-rikorrenti baqgħet tinsisti li tingħata kopja u hu qal li sakemm jasal il-kirurgu Mr. Debono, kien se joqgħod jistenna fil-karozza sakemm jiddeċiedu x'se jsir. Huwa qal li kull min ried seta' jarah il-messaġġ.
Għall-kontro-ezami x-xhud qal li din kienet l-ewwel darba li huwa staqsa għar-rizultat ta' pazjenta fil-privat. Huwa qal ukoll li l-proċedura kif jasal ir-rizultat tat-test tal-Covid ma kienx jieħu ħsiebha hu u allura ma jafx ezatt x'kien mistenni li jsir. Huwa kkonferma li ma riedx jerġa' jistaqsi lid-direttriċi tal-laboratorju għal rizultat stampat. Huwa kkonferma li qatt ma ġie mitlub kopja tal-i*screenshot* tal-mobile tiegħu. Ix-xhud ikkonferma wkoll li kien konxju li jista' jkollok rizutat darba joħroġ negattiv u darb'oħra joħroġ pozittiv u ġrat kemm -il darba.

**Sintesi tas-sottomissjonijiet**

**Dr. Andrew Grima** għan-nom tas-Soċjeta' ntimata qal li r-rikorrenti kienet impjegata mas-soċjeta' ntimata bħala *Head Nurse/Manager Surgical Department* u dan b'effett mill-4 ta' Jannar tas-sena 2016. Sussegwentement is-soċjeta' ntimata tterminat l-impjieg tar-rikorrenti b'effett mis-17 ta' Novembru 2022 abbazi ta' diversi kunsiderazzjonijiet fosthom imġieba ħazina inkuz mal-kollegi tagħha; irrifjutat li twettaq ix-xogħol tagħha u tieħu struzzjonijiet mis-superjuri tagħha u abbandunat ix-xogħol li għamel dan insubbodinazzjoni u nuqqas ta' ubbidjenza mar-regolamenti u *policies* tal-kumpanija;

agressiva ma' kollegi u superjuri tagħha b'detriment għas-soċjeta' u reputazzjoni ħazina lis-soċjeta' u nuqqas ta' rispett lejn is-superjuri tagħha. Dr. Grima qal li minkejja li ġiet imwissija diversi drabi biex tirranġa l-attitudni tagħha, hija rrifjutat u din kienet l-ewwel tkeċċija f'għoxrin sena. Dr. Grima qal li hekk kif xehed Dr. Pierre Vassallo, r-rikorrenti kienet tieħu deċizjonijiet mingħajr ma tqis l-esiġenzi tas-soċjeta' ntimata u mingħajr ma titlob awtorizazzjoni. Semma' wkoll li huwa inaċċettabbli li kienet insolenti lejn id-Direttur Maniġerjali stess. Dr. Grima rrefera għax-xhieda ta' Simone Spiteri. Semma' wkoll kif injorat struzzjonijiet mogħtija lilha minngħand Dr. Vassallo. Dr Grima qal li eta' tanalizza l-provi kollha u fil-kuntest tas-sitwazzjoni ta' kif seħħew l-affarjiet nhar t-22 ta' Ottubru 2020, l-azzjoni kif ħadet ir-rikorrenti u l-mod ta' kif aġixxiet fiċ-ċirkostanzi prevalenti f'dawk il-mumenti, affetwat irraġjonevolment u b'mod negattiv kemm l-operat tal-isptar u kemm il-kollegi l-oħra kollha. Dr. Grima rrefera għall-artiklu 2 tal-Kap 452 u hekk kif elenkat li tkeċċija ġusta hija waħda minħabba '*redundancy'* jew '*għal raġuni xierqa'*. Jibqa' l-fatt, qal Dr. Grima li l-liġi ma tatix definizzjoni ta' x'inhi raġuni mhux xierqa. U allura wieħed jagħmel referenza għall-Konvenzjoni Dwar it-Terminazzjoni tal-mpjieg tal-1982 tal-*International Labour Organisation* (ILO) fejn f'artiklu 4 tgħid, fejn jirreferi għal tkeċċija li tkun għal raġuni valida jekk tkun konnessa mal-aġir jew kapaċita'. Fil-kaz *de quo* it-terminazzjoni seħħet minħabba l-aġir u l-kapaċita'. Huwa qal li prinċipal raġjonevoli meta jkun rinfaċċjat bl-aġir u attitudni negattiva frekwenti tar-rikorrenti u l-inċident ta' nhar it-22 ta' Ottubru 2020, kien jieħu deċizjoni li jittermina l-impjieg. Huwa qal li d-dover tal-prinċipal huwa li jaġixxi b'mod raġjonevoli. Dr. Grima rrefera għad-Decċizjoni tal-Qorti tal-Appel (sede Inferjuri) fl-ismijiet *James Buhagir vs Jani Limited* fejn il-Qorti qalet li '*jista' jkun hemm kazijiet li fihom infushom 'il fatti tant huma ċari li prinċipal raġjonevoli jista' a bazi ta' dawk il-fatti magħrufa minnu fiz-zmien tat-tkeċċija, jaddotta l-fehma li hi x'inhi l-ispjegazzjoni li jagħti mjegat, il-proċeduri ta' dixxiplina m'huma ser jagħmlu l-ebda differenza fid-deċizjoni finali tiegħu.*'

Dr. Grima qal li s-soċjeta' intimata hija ferm konvinta li hija aġixxiet b'mod raġjonevoli meta abbazi tal-kunsiderazzonijiet kollha ittieħdet id-deċizjoni illi l-imjieg tar-rikorrenti jiġi tterminat. Dr. Grima semma 'kif ir-rikorrenti attendiet għal laqgħa mas-soċjeta' ntimata u kellha l-assistenza tal-avukat tal-fiduċja tagħha. Dr. Grima qal li dan kollu juri li s-soċjeta' ma ħaditx deċizjoni mgħaggla, refrettata jew mhux meqjusa. Dr. Grima qal ukoll li fl-eventwali li dan it-Tribunal iqis din it-terminazzjoni bħala waħda nġusta, jibqa' l-fatt li r-rikorrenti ma ġabitx provi ċari u konkreti tad-danni reali u telfien li ġarrbet.

**Dr. Axl Camilleri** għan-nom tar-rikorrenti, qal li l-attriċi kienet ilha taħdem f'pozizzjoni maniġerjali fi ħdan is-soċjeta sa minn Jannar 2016 b'paga li inizjalment kienet fl-ammont ta' ħamsa tletin elf (€35,000) ewro u li maz-zmien zdiedet għal tmienja u tletin elf (€38,000). Ulterjorament ir-rikorrenti kienet titħallas ħames mitt (€500) ewro kull tliet xhur rapprezentanti '*Performance Bonus'* għall-prestazzjoni eċċellenti li kienet tipprovdi lis-soċjeta' ntimata. Huwa qal li r-rikorrenti kellha numru ta' responsabbilitajiet abbinati mal-pozizzjoni tagħha ta' *Head Nurse u Manager* tad-dipartiment tal-kirurġija u l-pozizzjoni tagħha ma kinitx marbuta ma siegħat fissi inkluz Sibtijiet u Ħdud. Huwa qal li kienet ħaddiema ħabbrieka, perfezzjonista u kellha diversi impjegati jiddependu fuqha. Huwa qal li ġiet imkeċċija inġustament in segwitu ta' inċident wieħed partikolari. Dr. Camilleri qal li r-rikorrenti ġiet rikjesta tirrezenja fis-26 ta' Ottubru 2020 u ġiet uffiċjalment itterminata fis-17 ta' Novembru 2020. L-ittra tat-terminazzjoni elenkat zewġ raġunijiet: l-inċident tat-22 ta' Ottubru 2020 u l-atteġġjament negaattiv fil-konfront ta' kollegi tagħha fil-passat. Huwa qal li primarjament il-proċedura ta' kull operazzjoni u jew intervent kiruġiku kienet ġiet indirzzata mid-direttur Pierre Vassallo stess, lill-imjegati tas-soċjeta' permezz ta' email datata 2 ta' Ġunju 2020. L-email kienet ċara fli tirrikjedi li jkun hemm test sabex jiġi determinat jekk pazjent huwiex pozittiv jew negattiv għall-Covid 19 u tali rizultat ikun f'idejn il-klinika mill-inqas 48 siegħa qabel l-intervent. Dan kien propju għall-*ben essere* u protezzjoni tal-pazjent innifsu u l-impjegati l-oħra kollha. Dr. Camilleri qal li kienet propju r-rikorrenti li kellha tara li ma jkun hemm l-ebda inċident li jista' jkun evitat. Dr. Camilleri qal li s-soċjeta' ntimata tiġġustifika s-sitwazzjoni billi argumentat li l-anastetista kellu messaġġ informali fuq il-mobile. Dan il-messaġġ filfatt kien fis-7.12am jigifieri 12-il minuta wara li kienet skedata l-operazzjoni. Huwa qal li r-rikorrenti talbet li jiġi mgħoddi lilha dan il-messaġġ izda l-anastetitsa rrifjuta. Dr. Camilleri qal li r-rikorrenti ratu l-ewwel darba f'dawn il-proċeduri.

Dr. Camilleri rrefera għax-xhieda ta' Simone Spiteri li kienet l-unika persuna addizzjonali li kienet prezenti għall-inċident wara li seħħ u hi stess xehdet li lanqas hi ma setgħet taqrah il-messaġġ. Huwa qal li dan jixhed kemm aktar kien diffiċli biex tarah ir-rikorrenti biex tikkonferma l-kontenut tiegħu. Huwa rrefera wkoll li mill-provi u xhieda ta' Spiteri joħroġ ċar li l-klijenta kienet il-ħin kollu fil-prezenza tax-xhud Spiteri stess u allura fl-ebda ħin ma sar diskors bejn il-kollegi quddiem il-klijenta. Huwa qal ukoll li fl-interazzjoni bejn

ir-rikorrenti u l-anastestista ħadd mix-xhieda l-oħra qal li kien hemm xi għajjat u lanqas kliem goff jew kliem ħazin. Dr. Camilleri qal li t-tim tar-rikorrenti lanqas kienu jafu x'inqala' u saru jafu wara. Huwa qal li r-rikorrenti kienet konfuza meta d-direttur qallha biex tmexxi u hi minn naħa tagħha kienet responsabbli għall-impjegati l-oħra. Dr. Camilleri qal li r-rikorrenti ipproduċiet ċertifkat mediku biex tkopri z-zmien li ma kienitx qed tħossha tajba għax-xogħol. Qal ukoll li qabel telqet minn fuq il-post tax-xogħol assigurat ruħha li seta' jitkompla x-xogħol kif ġieli ġara meta tieħu l-leave għax mingħajrha ma jfissirx li jieqaf kollox. Dr. Camilleri qal li minkejja li nkiteb fl-ittra tat-terminazzjoni, kienu l-kollegi tagħha stess li xehdu kemm hi persuna professjonali.

Għall-frizzjoni personali li kien hemm bejn ir-rikorrenti u s-sinjura Spiteri, din tal-aħħar semmiet kaz wieħed biss li kien ġara fil-passat. Dr. Camilleri qal li mill-provi miġjuba l-attriċi qatt ma kienet ġiet mitkellma mid-Direttur fuq dan l-inċident.
Dr Camilleri rrefera għad-deċizjoni *Philip D'Anastasi vs Malta Public Transport Services* (Operations) Ltd fejn it-Tibunal divers qal li min iħaddem għandu jizen il-ħazin mit-tajjeb u jara jekk l-attitudni tal-impjegat ġeneralment kienitx pozittiva, rispettabbli u nesta. It-Tribunal divers qal ukoll li min iħaddem kellu jikkonsidra ukoll jekk l-impjegat konċernat ikkommettiex l-aggravju għax ried b'ħazen.

Dr. Camilleri qal li r-rikorrenti daħlet lura għax-xogħol fl-10 ta' Novembru 2020 għax kienet kwarantina u kienet baqgħet tagħmel ix-xogħol mid-dar b'mod virtwali.. Fit-tali perjodu d-direttur kien diġa' ħa d-deċizjoni li jitterminaha permezz ta' email li bagħtilha erbat ijiem wara l-inċident jiġifieri fis-26 ta' Ottubru fejn taha struzzjonijiet biex tirrezenja. Dr. Camilleri qal filfatt ir-rikorrenti kienet talbet lid-direttur biex ittih il-verzjoni tagħha imma dan qallha li ma kellux għalfejn jismagħha għax ħa l-informazzjoni li kellu bzonn minn għand il-kollegi tagħha u ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss.

Dr. Camilleri qal li r-rikorrenti kellha laqgħa mad-direttur fis-16 ta' Novembru u kellha magħha r-rapprezentant legali tagħha, u fis-17 ta' Novembru 2020 ġiet itterminata

formalment. Dr. Camilleri qal li d-direttur fix-xhieda tiegħu qal li ma tterminahiex minħabba l-inċident izda għax ma ridietx tiddiskuti tali inċident izda filfatt kien hu li qal lir-rikorrenti li ma riedx jisma' iktar fuqu.

Dr. Camilleri qal li għall-allegazzjoni ta' mġieba ħazina tar-rikorrenti mal-kollegi, inġiebet evidenza ampja li turi li r-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-kollegi tagħha kienet waħda professjonali. Qal ukoll li għall-allegazzjoni li r-rikorrenti irrifjutat li twettaq ix-xogħol tagħha u tieħu struzzjonijiet mis-superjuri tagħha u abbandunat ix-xogħol tagħha, l-attriċi kellha l-prerogattiv illi tieħu deċizjoni hekk kif hija kienet direttament prezenti fil-ħin tal-inċident. Huwa qal li mhuwiex veritier illi l-attriċi abbandunat il-post tax-xogħol hekk kif ġie pprezentat ċertifikat ta' tabib li kkonferma li l-attriċi ma kientx f'saħħitha tkompli l-ġurnata ta' ħidma tagħha. Rigward insubbordinazzjoni Dr. Camilleri qal li b'mod ironiku it-tkeċċija tar-rikorrenti seħħet propju għaliex ir-rikorrenti kienet qegħda turi obiddjenza għar-regolamenti u Policies tal-klinka. L-istess qal għar-rigward l-agressivita' ma kollegi superjuri, u dan għax fl-ebda ħin ma ġie ssostanzjat minn ebda xhud, inkuz id-direttur li ma kienx prezenti għall-inċident. Rigward l-allegat nuqqas ta' rispett lejn is-superjuri saret biss mat-terminazzjoni u dan l-atteġġjament qatt ma tqajjem qabel mar-rikorrenti.
Dr. Camilleri qal ukoll li huwa għal kollox skorrett u etikament zbaljat illi s-soċjeta tagħzel l-aspett finanzarju milli s-saħħa tal-ħaddiema.

**Sintezi tat-Trattazzjoni**

**Dr. Sheldon Micallef** għan-nom tas-soċjeta' intimata qal li l-fatt kruċjali li ġiet rinfaċċjata bih is-soċjeta' kien l-għaġir tar-rikorrenti fil-konfront tas-superjuri tagħha. Huwa rrefera għax-xhieda ta' Dr. Pierre Vassallo u qal li l-anastetista kellu konferma tar-rizultat u meta kellem lir-rikorrenti biex tmexxi bl-operazzjoni il-fatt hu li d-direttur maniġerjali ta' struzzjonijiet ċari li hi ma obdiethomx u dan juri insabbordinazzjoni u abdikat mir-responsabbilta' tagħha. Dr. Micallef irrefera wkoll għall-kummenti dispreġjattivi li r-rikorrenti għaddiet fil-konfront tas-superjur tagħha u l-kwistjoni allura qatt ma kienet dwar il-*performance* tagħha. Izda kienet arroganti miegħu. Dr. Micallef irrefera għax-xhud Kurt Pace li ma sabx xi jgħid kontra r-rikorrenti izda dan kien jaħdem magħha darba fil-ġimgħa biss u l-oħrajn kienu jarawha kuljum. Dr. Micallef qal li r-rikorrenti ġiet mitkellma diversi drabi biex l-attitudni tagħha tinbidel. Huwa rrefera għall-fatt li r-rikorrenti targumenta illi ma kienx hemm proċess qabel ma ittieħdet id-deċizjoni ta' tkeċċija. Izda kien hemm sensiela ta' nċidenti u wkoll kien hemm laqgħa magħha u mal-avukat tagħha u kien wara din il-laqgħa li ttieħdet id-deċizjoni li tiġi tterminata.

Dr. Micallef qal li s-soċjeta' ħadet deċizjoni mhux b'mod raffrettat u qiset iċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz u ħadet deċizjoni mhux abbazi ta' nċident wieħed izda abbazi ta' sensiela inċidenti u l-pozizzjoni tagħha ma kinitx aktar tenibbli.

**Dr. Axl Camilleri** għan-nom tar-rikorrenti qal li dak kollu li semma' l-kollega tiegħu huma biss allegazzjonijiet. Huwa qal li mhux biss li kien hemm terminazzjoni inġusta talli l-metodu kif saret kien inġust ukoll. Huwa qal li hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn it-terminazzjoni ġiet bħala rizultat li r-rikorrenti aderixxiet ma' proċedura interna u nazzjonali li kien hemm fi zmien il-Pandemija tal-Covid fil-qilla tagħha u għax propju segwiet dawn l-istess proċeduri interni imbagħad hija tkeċċiet. Dr. Camilleri qal li r-rikrrenti kienet *head nurse* u *manager* fid-dipartiment tal-kirurġija u kien mistenni illi tagħmel dak kollu mistenni biex tkompli tmexxi 'l quddiem id-dipartiment tagħha. Fil-kuntratt la kellha ħinijiet għax kienu *open ended*, kienet taħdem filgħodu kmeni u wara l-ħin tax-xogħol anke fil-*weekends.* Dan huwa punt importanti għax saret allegazzjoni li dak inhar tal-inċident dan kollu seta jiġi evitat jekk kemm il-darba l-operazzjoni setgħet issir aktar tard. Dan ma kienx il-kaz għax ir-rikorrenti stess offriet illi ssir aktar tard. L-insabbordinazzjoni tar-rikorrenti akkuzata bihom kienet għax obdiet ordnijiet interni u qaltilhom jekk ma jasalx u tara r-rizultat ma tistax issir l-operazzjoni. Ir-rizultat wasal tnax -il minuta wara

li kienet skedata l-operazzjoni, liema rizultat ir-rikorrenti ma ratu qatt ħlief fil-proċeduri prezenti u għax talbuh huma biex jiġi pprezentat. Hija ingħatat ordni minn Dr. Vassallo biex tmexxi fuq li qalulu, meta hu ma kienx prezenti lanqas. Dr. Camilleri qal li r-rikorrenti kienet responsabbli mill-pazjenti kollha u l-ħaddiema li jaqgħu taħtha. Huwa irrefera wkoll li ħadd ma kkontesta l-fatt li ġimgħat qabel kellhom sitwazzjoni fejn ingħataw rizultat negattiv ufiċċjali u wara rrizultat li kien pozittiv. Dr. Camilleri rrefera wkoll għall-akkuza li kienet titkellem b'ċertu mod u manjiera u dan kien ikun insegwitu ta' zbalji ripettivi u meta wieħed ikun irrabjat ma jtkellimx bil-fjuri. Huwa qal li r-rikorrenti tkeċċiet u ma ngħatatx opprtunta' tirribatti l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tagħha. Ir-rikorrenti qalet lil Dr. Vassallo li xtaqet tisjega ruħha u hu qallha le diġa smajt bizzejjed u jistenna r-rezenja tagħha. Meta mbagħad ma rrezenjatx, huwa ssospendiha da perjodu li kienet kwarantina u hi fil-frattemp baqgħet taħdem mid-dar u taqdi obbligi mid-dar. Ġimgha wara għajjtulha biex fil-prezenza ta' avukat tal-fiduċja tagħha tattendi għal laqgħa. Ġurnata wara din il-laqgħa hija ġiet itterminata, izda minn qabel kif irrizulta minn emails li diġa kien

hemm persuna indikata li se tieħu post ir-rikorrenti. Dr. Camilleri qal allura il-laqgħa li saret mar-rikorrenti u l-avukat tagħha kienet farsa. Huwa qal li dwar l-atteġġjamanet negattiv tagħha ma tezisti l-ebda twissija u ma nġiebet l-ebda prova dwar dan minkejja li s-soċjeta' kkunsdrat li dan kien għaġir serju u kien jirrikjedi terminazzjoni. Dr. Camilleri qal li filwaqt li Dr. Vassallo xehed li t-twissijiet dejjem saru verbalment, xorta kull tliet xhur kienet tingħata bonus ta' apprezzament ta' xoghlha.

**Kunsiderazzjonijiet**

Sabiex it-Tribunal seta' jiddeċiedi jekk it-talba tar-rikorrenti li saret nhar it-12 ta' Marzu 2021, fejn iddikjarat illi t-tkeċċija minn mas-Socjeta' Intimata ma' saritx għal raġuni ġusta u suffiċjenti u tenut kont wieħed u għoxrin (21) fatt li ħargu waqt dan il-proċess u cjoe :

Li r-rikorrenti kienet impjegata mas-soċjeta' ntmata sa mill-4 ta' Jannar 2016 bħala *Head Nurse/Manager Surgical Department Theatre Manager* fuq bazi *full-time* u indefinit u ġiet itterminata fis-17 ta' Novembru 2020;
Li r-rikorrenti kienet tippresta xogħlha bi professjonalita' u kellha rispett ta' diversi professjonisti fil-qasam mediku ;
Li l-professjnalita' tagħha qatt ma ġiet ikkontestata anzi affermata anke mill-kontro-parti ;
Li s-soċjeta' tisħaq li l-aġir tagħha mal-kollegi u mal-prinċipal tagħha ma kienx aċċettabbli;
Li ma ġewx ipprezentati provi ta' xi twissijiet bil-miktub dwar l-allegat aġir tagħha;
Li l-kaz odjern seħħ fl-eqqel tal-Pandemija Covid 19, propju f'Ottubru tas-sena 2020;
Li r-rikorrenti ma aċċettatx ordni mis-superjur tagħha biex isir intevent kirurġiku fuq klijenta u dan minħabba li r-rizultat tas-swab biex jikkonferma jekk il-klijenta kinitx negattiva jew le għall-Virus tal-Covid ma kienx għadu wasal f'idejn ir-rikorrenti;
Li r-rizultat li ingħad li wasal fuq WhatsApp jidher li ma rah ħadd ħlief min irċevieh;
Li r-rikorrenti kienet inkarigata propju mis-saħħa u s-sigurta' tat-teatru tal-operazzjonijiet u inkarigata li tara sew li klijenti kif ukoll il-ħaddiema ma jkunux esposti għall-periklu;
Li dak inhar tal-inċident ir-rizultat tal-klijenta li kellha tagħmel l-intervent kmieni, kien għadu ma wasalx sal-ħin li kellha tibda' l-operazzjoni;

Li dak inhar tal-inċident l-anastetista Michael Buttiġieġ ivvolontierja biex jikuntattaja kollega tiegħu biex ittih ir-rizultat tal-klijenta u dan ghax kien għadu ma wasalx;
Li r-rizultat wasal b'mod informali b'messaġġ fuq WhatsApp, liema rizultat ir-rikorrenti baqa' ma wasalx għandha u lanqas ratu;
Li r-rikorrenti riedet tara u takkwista kopja tar-rizultat u tpoġġiha fil-file tal-klijent hekk kif kienet l-ordni li u l-proċedura li kellha tiġi osservata kif ikkomunikata lilha mill-principal tagħha stess Dr. Pierre Vassallo;
Li din il-proċedura kienet waħda rakkomandata bħala l-aħjar prattika u kif kienet prattikata ġewwa Mater Dei;
Li minkejja t-talbiet tar-rikorrenti baqgħet ma ngħatatx kopja jew ġiet murija l-messaġġ, liema messaġġ ratu l-ewwel darba f'dawn il-proċeduri odjerni u fuq talba tagħha stess;
Li Dr. Pierre Vassallo minn fuq it-telefon taha struzzjonijiet biex tmexxi bl-intervent;
Li r-rikorrenti baqgħet tinsisti li qabel titħalla ssir l-operazzjoni tara r-rizultat tal-klijenta;
Li jumejn qabel dan l-inċident ir-rikorrenti u l-kollegi tagħha kellhom jiffaċċjaw sitwazzjoni fejn b'mod uffiċjali irċevew rizultat ta' klijenta oħra li kienet negattiva, izda wara rrizulta li kienet pozittiva;
Li r-rikorrenti ma aċċettatx li taħdem fil-għama aktar u aktar in vista ta' dan l-inċident li kien għadu kemm seħħ jumejn qabel;
Li r-rikorrenti ma ngħatatx ċans għal proċess dixxiplinarju serju jew ta' lanqas tati l-verzjoni tagħha;
Li l-laqgha mal-prinċipal u fil-prezenza tal-avukat tagħha li saritilha wara li ġiet sospiza, seħħet meta diġa kienet intagħzlet persuna oħra biex tissostwixxiha.

**Deċizjoni**

It-Tribunal f'dan il-kaz kellu jiddetermina jekk it-terminazzjoni tar-rikorrenti li ma obdietx ordni tas-superjur tagħha u li jekk kinitx filfatt agressiva mal-kollegi u superjur tagħha, timmeritax tkeċċija ġusta jew le. It-Trbunal allura ried jissendika x'kien ġust jew le f'dak kollu li wassal għat-terminzzjoni tagħha.

Li r-rikorrenti kienet professjonali fit-twettieq ta' xogħlha ma ġiex ikkontestat anzi ikkonfermat diversi drabi mill-kontro-parti. Jibqa' l-fatt li dak inhar tal-inċident li wassal għall-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti ħasset li m'għandhix tobdi direttivi mogħtija lilha minn min iħaddimha. Hawnhekk it-Tribunal ma jistax jifred in-natura tax-xogħol tagħha

u l-professjonalita’ li twettqu minn kemm għandha tobdi lill-prinċipal. Dan it-Tribunal huwa konvint li kieku obdiet lill-prinċipal tagħha f’dan il-kaz u fiċ-ċirkostanzi partikolarissimi ta’ dan il-kaz, ir-rikorrenti kienet tkun qed taġixxi bl-aktar mod irresponsabbli u mhux professjonali.

Ir-rikorrenti bil-pass kuraġġuz li ħadet kienet mhux biss qed tagħmel xogħlha sew, izda talli kienet qed timxi mal-prattiċi rikommandati mill-awttoritajiet tas-Sahha Pubblika, liema rakomandazzjonijiet kienu prattikati fl-isptar nazzjonali Mater Dei u wkoll ġew addottati mis-soċjeta’ ntimata stess u kkomunikati lill-impjegati tagħha. It-Tribunal ma jistax jinjora z-zmien li seħħ il-kaz, jiġifieri propju fl-eqqel ta’ pandemija fejn lanqas l-iskejjel ma kienu qed joperaw kif suppost. Kien zmien ikraħ u ta’ tbatija għall-popli madwar id-dinja kollha. Dan it-tagħrif kien qed jirċevih kulħadd, kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa fuq il-mezzi tax-xandir.

Li operazzjoni kozmetika titħassar jew tiġi posposta ma kienx se tkun xi ħaġa gravi f’dawn iċ-ċirkostanzi partikolari. Terga’ u tgħid jumejn biss qabel ma seħħ dan l-inċident li wassal għall-proċeduri quddiem dan it-Tribunal, seħħ inċident agħar fejn lis-soċjeta‘ ntimata waslilha rizultat negattiv ta’ klijenta oħra u allura kellhom x’jifhmu li setgħu jipproċedu b’intervent, meta aktar tard irrizulta li filfatt kienet pozittiva. Wieħed allura għandu jifhem il-preokkupazzjoni tar-rikorrenti u l-insistenza tagħha li tara r-rizultat b’għajnejha. Fil-fehma ta’ dan it-Tribunal kien ikun ferm aħjar kieku l-anastetista ma ivvolontierja xejn la ma riedx imbagħad jgħaddi lir-rikorrenti il-messaġġ b’mod tanġibbli mqar billi jiġi pprintjat il-messaġġ minn fuq WhatsApp. Huwa jgħid li ħadd ma talabulu u r-rikorrenti tgħid li riedet tarah biex tikkonferma u biex jitpoġġa fil-file tal-klijenta. B’bilanċ ta’ pobabilitajiet u fiċ-ċirkostanzi li nqalgħu hu dezumibbli li vera ntalab biex jintwera, u dan għax ma jistax ikun meta l-kwistjoni nqagħlet propju dwar il-messaġġ u dan l-istess messaġġ ma jintalabx. Mix-xhieda u l-provi mressqa lanqas mhu qed jaqblu

bejnethom min bagħat il-messaġġ. In sostenn, is-Sinjura Spiteri tgħid li min irċevieh, Michael Buttiġieġ, qallha li bagħtulu l-Kap tad-Dipartiment tal-Patoloġija Chris Barbara u meta xehed Buttiġieġ stess, fix-xiehda tiegħu qal li bagħtitulu l-persuna nkarigata mill-*virology lab* Graziella Zahra. Għal dan it-Tribunal kien ikun sew xieraq kieku ta’ lanqas ir-rikorrenti ingħatat kopja printjata jew ġiet murija l-messaġġ. It-Trinbunal jemmen li għand ir-rikorrenti kellu jasal b’xi mod, għax hi kienet responsabbli mis-saħħa u sigurta’ fit-teatru tal-operazzjonijiet.

It-Tribunal kellu jissendika wkoll l-akkuzi fil-konfront tar-rikorrenti li kellha attitudni goffa mal-kollegi u mas-superjur tagħha. Hawnhekk ukoll it-Tribunal ma jsibx ħtija u dan għax matul is-snin jidher li l-mod kif mexxiet u kkomunikat kien qed iwassal biex tkompli tkun fdata kif tmexxi l-ħaddiema li jaqgħu taħtha u biex iġġib rizultati tajbin għas-soċjeta' intimata. Għallanqas hekk inagħtat x'tifhem ir-rikorrenti għax matul is-snin li ħadmet mas-soċjeta' bl-aktar mod regolari kienet tingħata l-*performance bonus* b'apprezzament ta' kull ma tagħmel. Il-*performance bonus* mhux il-paga dovuta izda hu 'l fuq minn hekk tant li ħaddiem jieħdu bħala turija ta' gratitudni minn min iħaddmu. Dan il-bonus kienet tieħdu kull tliet xhur, jiġifieri jekk kellha għal xhix tiġi mċanfra kien hemm diversi stanzi biex jaslilha xi messaġġ ta' twissija. Ukoll, ma nġabet l-ebda prova li xi darba saritilha twissija mqar darba ġaladarba kien allegat li l-attitudi tagħha kienet daqshekk gravi tant li kienet timmerita l-piena kapitali f'dak li jirrigwardja d-dinja tax-xogħol. Dan it-Tribunal kif qal diversi drabi, t-twissijiet meta huma meħtieġa jkunu filfatt ta' benefiċċju kemm għal min iħaddem u sew għall-impjegat. Jekk xejn, dan ta' l-aħħar ikun qed jingħata ċ-ċans li jiġi muri x'qed jagħmel ħazin u liema azzjonijiet iwasslu għal terminazzjoni. Ikun allura qed jingħata ċans jirregola ruħu. Dan it-Tribunal diversi drabi qal ukoll li twissijiet orali u bil-miktub, idealment għandhom jiġu ffirmati mill-impjegat innifsu. M'ghandux jonqos ukoll li proċess serju jkun sew raġjonevoli u proporzjonat.

Dwar l-allegazzjoni ta' mġieba mhux xierqa ma' kollega oħra tant li din ta' l-aħħar kellha stress minħabba r-rikorrenti, hawnhekk kieku kien hekk it-Tribunal jitfa' l-ħtija fuq il-*management* li għandu jipproteġi lill-ħaddiema kollha huma f'liema grad huma, u mhux lir-rikorrenti jinagħtalha *performance bonus* bl-aktar mod regolari bħala apprezzament. Huwa ovvju li mbagħad jiġi konkjuz li kienet miexja sewwa u ma kien hemm xejn x'tirranġa f'imġibitha.

Minkejja dawn iz-zewġ raġunijiet mogħtija bħala raġuni għat-terminazzjoni, Dr. Vassallo jgħid fix-xhieda tiegħu li tterminaha għax ma riditx tammetti li għamlet zball. Proċess ta' dixxiplina serju u l-insenjament relatat jgħid li għandu jsegwi l-prinċipji ta' Ġustizzja Naturali, fejn fosthom l-imjegat jingħata dettalji ċari tan-nuqqasijiet. Tajjeb jingħad li fil-kaz odjern dawn id-dettalji inbiddlu waqt il-proċess stess. F'dan is-sens il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Joan Montanaro vs Bay Street Hotel Complex u Baystreet Holdings Ltd (13/3/2009)*** ikkonfermat li l-impjegat għandu jkun infurmat bl-aktar mod ċar ta' x'kienu n-nuqqasijiet li huwa akkuzat bihom.

Dr. Vassallo fix-xheda tiegħu qal li tterminaha għax ma ammettietx u mhux daqstant għan-nuqqasijiet infushom. Il-Ġustizzja Naturali tirrikjedi wkoll li l-proċess għandu jagħti dritt li l-impjegat jagħti l-verzjoni tieghu u mhux tiġi mitluba tammetti u daqshekk, Dan kollu kellu jinstema' quddiem *panel* indipendenti u imparzjali. Mhux biss, anzi Selwyn izid ma' dan billi jirreferi għall-kaz ta' ***S.C.Brown Communications Ltd vs Walker***[1] fejn il-Qorti qalet li l-impjegat għandu jkun mgħarraf ukoll li jista' anke jappella. Huwa propju għalhekk tajjeb u ġust u ta' serħan il-moħħ kemm għall-impjegat u sew għal min iħaddem jekk ikun hemm stabbilit  proċess ta' dixxiplina iswed fuq l-abjad u jiġi segwit. Dan it-Tribunal isib li r-rikorrenti aġixxiet bil-mod kif aġixxiet propju għax kienet konvinta li qed tagħmel is-sewwa u bl-ebda malizzja ma riditx tammetti li għamlet zball, li filfatt hija wkoll l-fehma ta' dan it-Tribunal li ma għamlitx zball anzi għall-kuntrarju, imxiet mas-sewwa.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha kif prezentati, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tar-rikorrenti kienet waħda nġusta u qed jillikwida d-danni għas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u tletin ewro u tlieta u tletin ċentezmu (€25,333.33). Din is-somma għandha tingħata lir-rikorrenti mis-soċjeta' ntimata fi zmien xahar mid-data tal-lum.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**(Iffirmat)**

**Doreen Parnis**
**Chairperson**

[1] Selwyn 'Law f Employment' (n10) pġ 317